## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 9 ta' Novembru 2020**

**Talba numru 353/2019SFJ**

***The Lightshop Limited (C18914)***

***vs.***

***Andre Chetcuti f'ismu proprju u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "Da Matteo Ristocafe"***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' **seba' mija u disa' Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€709.86)** rappreżentanti bilanċ dovut dwar l-*invoice* numru 15820 in konnessjoni ma' oġġetti fornuti lill-konvenut li baqa' inadempjenti nonostante interpellazzjonijiet, kif ukoll bl-imgħax legali mill-31 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali (ara fol. 12, 13, 19, 20 u 21).

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta.

Qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata mis-soċjetà attriċi u sema' lix-xhud Pieter Bregman, direttur tas-soċjetà attriċi, li xehed bil-lingwa Ingliża fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020.

Ra li x-xhud solennement iddikjara li hu seta' jippreżenta *invoice* u *delivery note* iffirmata u fuq domanda tat-Tribunal, huwa kkonferma li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża għadu dovut.

Ra l-*invoice* immarkata dokument PB1 datata 29 ta' April 2019 indirizzata lil Da Matteo Café li permezz tagħha l-konvenut intalab iħallas somma li tammonta għal elf u seba' mija u dsatax-il Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€1,719.72).

Ra li d-dokument PB3 huwa kopja ta' *invoice* li fuqha jidher li xi ħadd għamel xi notamenti li jindikaw li l-konvenut kien ħallas tmien mija u disgħa u ħamsin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€859.86) b'ċekk fit-30 ta' April 20219 iżda mbagħad, jidher li meta l-konvenut ipprova jagħmel pagament identiku fil-31 ta' Mejju 2019, iċ-ċekk relattiv (numru 3857 skont ix-xhud Pieter Bregman) ma ġiex onorat mill-bank.

Ra li fix-xhieda tiegħu, ix-xhud Pieter Bregman ikkonferma li d-dokument PB4 jikkontjeni messaġġ li ntbagħat lilu mill-konvenut permezz tal-*WhatsApp* nhar l-14 ta' Frar 2020. Dan il-messaġġ jaqra hekk:

"*Good Morning Peter. I hereby confirm that I owe the lightshop i. Birkirkara an amount of €875 on behalf Da Matteo Restaurant Valletta. Unfortunately the restaurant has been closed and declared bankrupt. I am working hard to settle any dues to you. I am sorry for this situation. Thank you Andre Chetcuti*".

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ra li fid-dawl tax-xhieda mogħtija u tad-dokumentazzjoni ppreżentata, it-talba tas-soċjetà attriċi hija ben spjegata u ppruvata.

## Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra l-atti, sema' lix-xhud u qara d-dokumentazzjoni ippreżentata, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' **seba' mija u disa' Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€709.86)**.

It-Tribunal jordna li l-imgħaxijiet jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa mill-liġi mill-31 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut proprio et nomine.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**